MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2006

Appell Civili Numru. 894/1993/1

**Alfrida Pace**

**v.**

**Tabib Ewlieni tal-Gvern u Dr. Jerzy Kosmyder u b'digriet**
**tad-19 ta' Gunju 2003 gew nominati**
**l-Avukat Dr. Leslie Cuschieri u**
**l-Prokuratrici Legali Louisa Tufigno bhala**
**Kuraturi deputati biex jirrapprezentaw**
**lill-assenti Dr. Jerzy Kosmyder**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' l-appellanti Alfrida Pace tal-21 ta' Lulju 2004 sabiex tigi ammessa ghall-beneficcju tal-garanzija bil-gurament skond l-Artikolu 904 tal-Kap. 12;

Semghet lill-istess Alfrida Pace bil-gurament fl-udjenza tal-lum; semghet ukoll lid-difensuri tal-partijiet li ttrattaw kemm il-kwistjoni tal-mezzi tar-rikorrenti kif ukoll il-kwistjoni tal-*probabilis causa litigandi*;

Ikkunsidrat:

Illi dwar il-kwistjoni tal-mezzi din il-Qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ma irnexxilhiex iggib il-garanzija mehtiega, u ghalhekk dan ir-rekwizit huwa sodisfatt;

Pero` din il-Qorti mhix sodisfatta li r-rikorrenti appellanti irnexxielha tipprova *prima facie* li ghandha *probabilis causa litigandi*. In fatti mill-mod kif inhuma redatti l-premessi u t-talbiet fic-citazzjoni ma hemm ebda mod kif din il-Qorti tista' possibilment b'xi mod tvarja l-pronunzjament ta' l-ewwel Qorti fil-konfront tal-konvenut Tabib Ewlieni tal-Gvern. Konsegwentement huwa nieqes l-element tal-*probabilis causa litigandi*.

Ghalhekk tichad it-talba kif kontenuta fir-rikors imsemmi tal-21 ta' Lulju 2004.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------